MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Talba Numru. 847/2007

**Emanuel (ID-155440-M)**
**u Frances konjugi**
**Genovese**

**vs**

**Simone Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta` Novembru, 2007, fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' Lm264 illum ekwivalenti ghal Euro614.95c, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta` appalt rez lill-istess konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali prezentanza a tenur ta` l-Artikolu 166A tal-Kap 12 datata 4 ta` Ottubru,

2007 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuta ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta u kontro-talba prezentata mill-konvenuta datata 29 ta` Jannar, 2008 fejn fl-ewwel lok ikkontestat t-talba attrici fis-sens illi ma kien hemm ebda ftehim ta` appalt bejniethom u li l-istess attur kien debitur lejha oltre b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri u fit-tieni lok resqet talba kontra l-istess attur fejn talbet li jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` Lm700 illum ekwivalenti ghal Euro1,630.56c jew somma verjuri li tista` tigi likwidata minn dan it-Tribunal, rapprezentanti danni sofferti mill-istess konvenuta per konsegwenza ta` l-uzu da parti ta` l-attur ta` l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni BVY 001.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-attur ingunt in subizzjoni.

Ra d-digriet moghti minn dan it-Tribunal datat 27 ta` Frar, 2008 fejn ammetta ir-risposta u kontro-talba tal-konvenuta.

Ra r-risposta ta` l-attur ghal kontro-talba tal-konvenuta fejn ikkontesta l-istess fis-sens li afferma li ma kkaguna ebda danni u di piu` li parti sostanzjali minnhom kienu gia` gew rikoverati mill-konvenuta tramite l-assikurazzjoni u ghalhekk is-somma mitluba certament ma kinietx dovuta.

Ezamina x-xhieda mressqa nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` lill-abbli difesnuri tal-partijiet jitrattaw verbalment il-kawza.

Ikkunsidra.

L-attur xehed li huwa hadem bhala xufier fuq minibus tal-konvenuta bejn Jannar sa Gunju/Lulju tas-sena 2006, skond hu bir-rata ta` Lm1.30 ghal kull vjagg. Il-hlas kien isir b'mod sporadiku ghalkemm suppost kull gimgha. Skond kalkoli maghmula mill-attur fuq notamenti maghmula minnu Dok EG 1, il-konvenuta kien fadlilha thallsu s-somma ta` Lm264. Ghar-rigward it-talba tal-konvenuta fil-konfront tieghu, huwa jafferma li ma ghandu

jaghti xejn peress illi fl-ewwel okkazzjoni huwa kien hallas l-excess sabiex il-konvenuta tigi koperta mill-assikurazzjoni u fit-tieni okkazzjoni ghalkemm ma hallasx l-excess pero` kien qata` l-ispejjez ta` l-excess fl-ammont ta` Lm50 mill-kont tal-konvenuta. In kontro ezami huwa jispjega li r-rata miftiehma kienet fl-ammont ta` Lm1.50c ghal kull vjagg u mhux Lm1.25c kif allegat mill-konvenuta u lanqas kwindi Lm1.30 kif donnu gie registrat fl-ezami tieghu. In ri-ezami jikkonferma li huwa dejjem ghamel il-konteggi fuq rata ta` Lm1.50c u mis-somma hekk mahduma l-konvenuta kienet gia` halsitu s-somma ta` Lm430 minghajr ebda riserva ta` xejn dwar l-istess rata.

Il-konvenuta tammetti li kienet tqabbad is-servizzi ta` l-attur bhala xufier pero` bir-rata ta` Lm1.25c ghal kull vjagg. Pero` fl-istess hin tikkonferma li xorta wahda kienet thallsu bir-rata ta` Lm1.50c kif kien jippretendi minghandha l-istess attur ghalkemm in kontro-ezami tipprova ggibha li ma kinietx taf b'liema rata kienet qed thallsu. Hija tikkonferma wkoll bhala veritjiera n-numru ta` trips li hadem l-attur fil-konfront tas-somma ta` Lm264 li huwa kien qed jitlob f'dawn il-proceduri. Illi ghalhekk mix-xhieda ta` l-istess konvenuta ghandu jirrizulta li hija kwazi kwazi qieghdha tammetti t-talba ta` l-attur salv ghal pretenzjoni taghha li hija ressqet in kontro-talba.

Fil-fatt il-konvenuta tafferma li fil-kors tax-xoghol maghha l-attur kien habat darbtejn bil-vann, liema fatt lanqas ma hu kontradett mill-istess attur, darba f'Jannar u darba ohra f'Lulju. Pero`, hija tallega li l-excess ta` Lm50 fuq l-ewwel incident kien thallas minnha pero` wiehed jikkummenta li mid-dokumenti ezebiti l-identita` ta` min ghamel tali hlas ma tirrizultax. Tafferma illi ghalkemm l-assikurazzjoni kienet hallset ghal dan l-incident pero` dan ma nkludiex l-ammont tal-VAT oltre l-Lm50 excess. Il-konvenuta tghid li hija ma setghetx tirkupra l-ammont tal-VAT imhallas peress illi hija ma hiex registrata ma` l-VAT stante li dan qieghed fuq isem ir-ragel. Illi t-Tribunal ma jikkunsidrax tali spjegazzjoni bhala wisq kredibbli partikolarment meta wiehed jinnota li mid-dokumenti ezebiti mill-istess konvenuta ghandu jirrizulta li l-policy holder kien l-istess zewgha. Barra minnhekk l-istess konvenuta tikkonferma

wkoll li l-vann kien registrat fuq zewgha. Illi ghalhekk isegwi ben tajjeb l-argument li tali hlas ta` VAT kien facilment rekuperabbli taht forma ta` tpacija kontra l-ammont ta` VAT dovut mid-dikjarant. L-istess jinghad ghall-ispejjez tal-hsarat tat-tieni incident. Il-konvenuta stess tammetti li l-assikurazzjoni kienet kopriet kollox hlief ghal VAT. Il-konvenuta zzid tghid pero` li kienet kostretta thallas aktar premium minnhabba dawn l-incidenti – differenza ta` aktar minn Lm300. Ma jirrizultax pero` u anqas ma ngiebet prova li tali zjieda fil-premium fil-fatt kienet dovuta ghal tali incidenti jew ghal xi ragunijiet u / jew cirkostanzi ohra indipendenti minn tali claims. Lanqas ma ngabet prova soddisfacenti mill-konvenuta fuq l-allegazzjoni taghha li hija sofriet effettivament danni in konnessjoni ma` *loss of use* ghal 9 t'ijiem. Tallega li tali *loss of use* ma gewx rekuperati mill-assikurazzjoni nonostante li kienet assikurata *"fully comprehensive".* L-ispjegazzjoni li tat ghal tali nuqqas cioe` il-ghaliex kien tort tas-sewwieq ma hi xejn konvincenti u anqas kredibbli ghal dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta u kif ukoll jichad il-kontro-talba imressqa mill-istess konvenuta, kwindi jilqa` t-alba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta` Euro614.95c, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` l-ittra ufficcjali cioe` mis-17 ta` Ottubru, 2007 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza inkluz il-kontro-talba a spejjes ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------